MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 22/2003

**Simonds Farsons Cisk plc**

**vs**

**Paul Sammut**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma tas-somma ta' tlett mija u disgha u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm339.85) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija konsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu, liema ammont baqa' ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez u bl-imghax sa' l-effettiv pagament.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas li jidher, kemm fis-seduta tad-19 ta’ Settembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli, kif ukoll ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li ra l-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u disgha u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm339.85) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------